KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ**

**IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA**

***Laqgħa Numru Tmienja u Sittin (68)***

***It-Tnejn, 30 t'Ottubru, 2023***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIER | ANTHONY VELLA |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa. F'dan il-mument daħlet il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr Anna Mallia.

**68.1 Il-Ġurament tal-ħatra tal-Kunsillier A.Vella**

68.1.1 Wara l-elezzjoni każwali li saret fl-Uffiċċju Elettorali nhar it-Tlieta, 10 t'Ottubru 2023 biex jimtela' l-post ta' Kunsillier wara r-riżenja tal-Kunsillier Andreas Gatt, ġie elett is-Sur Anthony Vella.

68.1.2 Il-Kunsillier Anthony Vella ħa l-ġurament tal-ħatra ta' Kunsillier quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja Dr Anna Mallia u ġie ffirmat il-ġurament u l-affermazzjoni.

68.1.3 Għaldaqstant il-Kunsillier Anthony Vella ġie maħtur bħala Kunsillier u poġġa mal-mejda sabiex jipparteċipa fil-Laqgħa.

*Il-Kunsill irringrazzja lil Dr Anna Mallia u għaldaqstant ħarġet mill-kamra*

**68.2 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

68.2.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji

**68.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

68.3.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 67 li nżammet nhar it-Tnejn, 2 t' Ottubru, 2023.

68.3.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 67 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

68.3.3 **Mozzjoni 68-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 67.

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech

Il-Minuti Numru 67 ġew approvati unanimament.

**68.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 68(08) – Ottubru 2023***

68.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 68(08) permezz cheque numru 7224 u 7225 (ref. 10994 u 10995) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10975 sa 11024 li jammontaw €67,908.13

68.4.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

68.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll pagament mingħand in-Nursery, dwar il-ħlas tal-*coaches* tas-Summer School, li jammontaw għal €1200, inxtraw il-kits għat-tfal li jammontaw għal €696 u trophies li jammontaw għal €360. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sena l-oħra kienu tħallsu l-coaches u l-kits tat-tfal. Il-Kunsill qabel li jitħallsu l-coaches u l-kits bħas-snin preċedenti.

68.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll il-ħlas ta' żbir ta' siġar f'Bir id-Deheb li jammonta għal €826.

68.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pagament tal-ħelu li nxtara għall-Ħeluween li jammonta għal €77.92 Il-Kunsill approva li jinxtara ftit iktar ħelu li jammontaw għal madwar €100 jew €120.

68.4.6 Tressaq ukoll pagament għall-Performance Bonus tal-ħaddiema tas-CWSEF li jammonta għal €1947 ta' ħames ħaddiema. Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li l-Kunsill għandu jikkunsidra li l-Performance Bonus tas-Sur C.Abela għandu jitnaqqas għal €250 minħabba nuqqasijiet li nnota l-Kunsill fl-aħħar ftit xhur. Ma din il-proposta qablu ukoll il-Kunsilliera Rose Agius u l-Kunsillier Anthony Vella.

68.4.7 Tressaq ukoll pagament lis-Sur Kurt Attard tat-tpinġijiet li għamel għall-attivita' tal-Ħeluween li jammontaw għal €575.

68.4.8 **Mozzjoni 68-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 68(08) bl-ammont ta' €67,908.13 kif ukoll dik imressqa f'materja 68.4.3, 68.4.4, 68.4.5, 68.4.6 u 68.4.7

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 68(08) ġiet approvata unanimament.

## 68.5 <u>Korrispondenza</u>

68.5.1 Tressqet Ċirkulari mingħand id-Direttur Ġenerali dwar School Grannies. Il-Kunsill qabel li jagħmel post fuq *facebook* biex naraw jekk hemmx min hu interressat.

68.5.2 Tressqet korrispondenza mingħand resident rigward diversi ilmenti fi Triq l-Andar. Il-Kunsill qabel li nitolbu iktar dettalji dwar dak li qed jiġi propost li jsir mir-residenti u tista ukoll tizdied mera int u ħiereġ minn triq dejqa li tagħti għal triq l-Andar.

68.5.3 Tressqet invoice rigward il-pagament ta' servizz ta' manutenzjoni fil-funtana. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba iżda wara li dar il-korrispondenzi kollha ġie nnutat illi dan is-servizz kellu jiġi tterminat mill-ewwel meta is-Segretarju Eżekuttiv kienet infurmat lill-kuntrattur permezz ta' telefonata u għaldaqstant il-kuntrattur għandu jitħallas ta' 15-il

ġimgħa servizz u qabel jitħalla importanti li jfiehem lill-ħaddiem tal-Kunsill kif titħaddem is-sistema.

68.5.4 Tressqet korrispondenza fejn ġejna infurmati li is-servizz tal-WIFI f'żoni pubbliċi li qabel kien mat-Tech.mt se jiġi mwaqqaf. Għaldaqstant jekk il-Kunsill irid jibqa joffri dan is-servizz, irid jagħmel l-arranġamenti sabiex jitħallas dirett. Il-Kunsill qabel li naraw x'jinvolvu l-ispejjeż għal dan is-servizz.

68.5.5 Tressqet talba mingħand l-iskola dwar għajnuna fil-Proġett EkoSkola, fejn qed jitolbu xi ħamrija u compost. Il-Kunsill qabel li jissuplixxi l-ħamrija u l-compost u bħala assistenza biex jinżergħu xi siġar, jista' jintbagħat wieħed mill-ħaddiema.

68.5.6 Tressqet korrispondenza dwar nuqqas fis-servizz tal-knis fejn kontinwament qed ikollna ilmenti dwar nuqqas fit-tbattil tal-bins. Il-Kunsill qabel li jekk jara li din il-problema tkompli tippersisti, jibgħat ħaddiem minn tagħna biex jitbattal u jinqatgħu l-penali mill-pagament tal-kuntrattur.

68.5.7 Tressqet stima mingħand ARC studio sabiex jibdew ix-xogħlijiet għall-Proġett tat-Turretta u jinħareġ it-tender. Il-Kunsill approva l-istima.

68.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-inviti għal attività f'għeluq it-30 sena ta' Gvern Lokali f'Dar il-Mediterran.

68.5.9 Ġie preżentat ukoll invit għal avveniment fl-għeluq is-sena ta' Reġjun Kulturali 2023 fejn is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil min hu interressat li jattendi biex jinformaha sabiex napplikaw.

68.5.10 Pjanti tal-progett bir id-deheb

**68.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

68.6.1 Is-Sindku Darren Abela qal li l-iSkola Primarja talbuh biex titpoġġa skip għall-użu tal-iskola u din titbattal darba f'ġimgħa. Il-Kunsill qabel li jkellem lill-kuntrattur biex iżid skip li titbattal kull ġimgħa u l-ispiża tagħha tiġi koperta mill-Kunsill.

68.6.2 Is-Sindku Darren Abela qal li kellu talba oħra sabiex Triq Dun Guzepp Naudi tingħalaq bil-bollard. Il-Kunsill baqa' jżomm l-istess pożizzjoni u ma jaqbilx.

68.6.3 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar is-suġġerimenti sabiex Triq il-Qattus issir one-way. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel li Triq ir-Rummien għandha tiġi one-way direzzjoni lejn il-Housing Estate filwaqt li Triq il-Qattus tiġi direzzjoni bi ħruġ fi Triq it-Tumbarellu.

68.6.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex titpoġġa *road hump* fi Triq il-Bwar. Il-Kunsill ma naqbilx.

68.6.5 Is-Sindku Darren Abela qal li avviċinah persuna rigward xi proġett relatat ma' CO2 Extractions unit. U għaldaqstant talab li jekk hemm xi ħadd li għandu xi informazzjoni dwar dan jgħaddiha u naraw nistgħux inġibu iktar informazzjoni mill-Ministeru tal-Enerġija.

68.6.6 Is-Sindku Darren Abela qal li ir-rampa li saret fi Triq iċ-Ċeppun ma saritx kif suppost u għaldaqstant hemm bżonn terġa' issir. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li ssir laqgħa fuq il-post ma' professjonist mis-CRPD biex jressqilna proposta ta' kif tista' ssir mingħajr ma toħloq periklu għal min jużaha.

68.6.7 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex issir *road hump* fi Triq Santa Marija. Il-Kunsill ma qabilx li ssir.

68.6.8 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex issir Blue Badge parking wara l-Knisja. Il-Kunsill qabel li japplika għaliha.

68.6.9 Is-Sindku Darren Abela qal li rigward il-proġett ta' SMEs f'tal-Barrani l-aħjar ħaġa hija li ssir laqgħa mal-applikanti u ma' TM fuq il-proġett propost.

68.6.10 Is-Sindku Darren Abela qal li nhar il-Ħamis se ssir laqgħa miegħu fejn se tiġi diskussa l-proposta li jaqbel magħha s-Sindku dwar l-arranġamenti tat-traffiku fi Triq San Filippu u ż-żona tal-madwar. Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qed jagħmilha ċara li din hija proposta tas-Sindku u mhux tal-Kunsill u li wara diskussjoni, il-kumplament tal-Kunsill qal li ma jaqbilx magħha.

**68.7 <u>Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera</u>**

68.7.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li fis-service road hemm bżonn rifriskar tad-*double yellow lines*. Hija qalet ukoll li fl-istess żona kien hemm żewġ kaxxi bojod li tneħħew u iż-żebgħa sewda għandha bżonn terġa' tiġi rifriskata minħabba l-linji l-bojod qed jerġgħu jidhru. Ma din il-proposta ssuġerixxiet ukoll li jitwaħħlu żewġ tabelli *No Parking* biex nindikaw li mhux permess isir parkeġġ.

68.7.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm mera mkissra fejn l-SMEs fi Triq il-Belt Valletta biex tinbidel.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa il-Kunsillier Keith Fenech talab li jkun skużat.*

68.7.3 Il-Vici Sindku Christine Dalli talbet li tintbagħat email uffiċjali lill-Infrastructure Malta biex jintbagħat uffiċjal jikkontrolla it-traffiku minn Birzebbuga sabiex jitnaqqas ftit it-traffiku għal vetturi li joħorġu minn Ħal Għaxaq bejn l-4pm u s-6pm. Il-Kunsill qabel.

68.7.4 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li jinżergħu xi pjanti fil-ġnien u nġibu ukoll ftit ħamrija għal bandli u niżirgħu xi pjanti.

68.7.5 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet jekk kienx hemm xi feedback fuq it-talba ta' dawl ġdid fi Triq il-Qattus.

68.7.6 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm bin imkisser fis-service road biex jinbidel.

68.7.7 Il-Kunsilliera Rose Agius ressqet talba sabiex isir *double yellow line* quddiem garage numru 20 fi Triq il-Garakol.

68.7.8 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet dwar servizz ta' trasport għall-anzjani. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġie ntrodott servizz ġdid bl-isem Silver T fejn l-anzjani jistgħu

68.7.9 Il-Kunsillier Anthony Vella staqsa dwar il-kanal li hemm fil-bypass li ilu ħafna miftugħ u issa qiegħed perikoluż ħafna. Is-Sindku qal li saru diversi rapporti sabiex jitranġa imma s'issa għadha ma ttieħdet l-ebda azzjoni.

68.7.10 Il-Kunsillier Anthony Vella qal li hemm bżonn jintbagħat warden fil-ħruġ minn Triq Tumbarellu għal Bypass u dan sakemm tiġi installata il-camera.

**68.8 <u>Mozzjonijiet</u>**

68.8.1 Annessi mal-Minuti

**68.9 <u>Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

68.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgha, 29 ta' Novembru 2023 fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 68**

**Mozzjoni Ref:** 68-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 67

| | |
|---|---|
| **Christine Dalli**<br>**Proponent** | **Keith Fenech**<br>**Sekondant** |

**Data:** 31 t'Ottubru 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 68**

**Mozzjoni Ref:** 68-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 68-08

**Rose Agius**
**Proponent**

**Keith Fenech**
**Sekondant**

**Data:** 31 t'Ottubru 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**